**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Jannar, 2020**

**Talba Nru: 552/2017PM1**

**Christine Schembri (KI Nru. 232771(M))**

**V.**

**Francis Abela bhala direttur ta' F. Abela and Sons Building Contractors u b'digriet tat-Tribunal tas-2 ta' Lulju, 2018 giet ordnata korrezzjoni fis-sens illi l-isem "Francis Abela bhala direttur ta' F. Abela and Sons Building Contractors" jigi sostitwit minn Francis Abela ezercenti l-kummerc bl-isem ta' F. Abela and Sons Building Contractors u b'digriet datat 15 ta' Frar, 2019 giet imsejha fil-kawza is-socjeta` Enemalta p.l.c.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Dicembru, 2017 permezz ta' liema l-attrici talbet, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, li l-intimat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erbat elef u erba' mitt euro (€2,400) liema somma l-esponenti sofriet bhala danni minhabba fl-agir irresponsabbli tal-intimat.

Ra r-risposta tal-konvenut permezz ta' liema cahad kategorikament illi huwa kkaguna xi hsara lill-attrici kif minnha allegat u li ghalhekk it-talba tal-attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi responta bl-ispejjez kontra taghha.

Ra l-affidavit ta' iben il-konvenut a fol. 11c et. seq. tal-process u l-iskizz anness mieghu.

Sema' x-xhieda ta' Terence Ellul, PC 1140 Marcus cachia, Brian Micallef u Christine Schembri u ra d-dokumenti ezebiti minnhom waqt is-seduta tas-27 ta' Frar, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Mario Magro, Mark Said u ta' George Portelli u ra d-dokumenti ezebiti minnhom waqt is-seduta tas-26 t'April, 2018.

Kompla jisma' x-xhieda ta' George Portelli waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju, 2018.

Ra li waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni fl-okkju u sema' x-xhieda ta' George Portelli u Melanie Vella.

Ra n-nota tal-attrici datata 2 ta' Lulju, 2018 u dik datata 15 t'Ottubru, 2018 u d-dokumenti annessi maghhom.

Sema' x-xhieda ta' Mark Bonavia u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2018.

Ra l-affidavit tal-konvenut Francis Abela u d-dokumenti annesis mieghu.

Ra li fil-15 ta' Frar, 2019 it-Tribunal fuq talba tal-partijiet ordna s-sejha fil-kawza ta' Enemalta p.l.c.

Ra li s-socjeta` Enemalta p.l.c. wiegbet ghat-talbiet billi eccepiet:

1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta fil-konfront tal-Enemalta p.l.c. ai termini tal-art. 2128 u 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Illi t-talba kif dedotta kontra l-Enemalta p.l.c. hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tkun michuda stante illi l-Enemalta p.l.c. ma kenitx responsabbli ghall-incident de quo.
3. Illi ghalhekk l-Enemalta p.l.c. ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi m'hijiex responsabbli ghall-incident u d-danni in kwistjoni.
4. Fil-mertu, il-pretensjoni tar-rikorrenti hija assolutament ikkontestat u l-Enemalta p.l.c. ma jista' jkollha l-ebda responsabilita` diretta jew indiretta ghad-danni sofferti mir-rikorrenti u ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandhom jaghmlu prova tad-danni skont il-ligi.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Redent Balzan u ta' George Portelli u ra d-dokumenti ezebiti waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju, 2019.

Ra d-dokument ezebit mis-socjeta` msejha fil-kawza permezz tan-nota datata 3 ta' Gunju, 2019 ossija l-Internal Memo tar-rapport redatt minn Mark Said.

Sema' x-xhieda ta' Redent Balzan waqt is-seduta tad-19 ta' Gunju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Francis u Steve Abela waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2019.

Ra li waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2019 il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivi.

Ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tac-cirkostanzi partikulari tal-kaz.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob rizarciment ghal hsara sofferta minnha bhala konsegwenza ta' incident li sehh fil-hmistax (15) ta' Settembru, elfejn u sittax (2016) meta rrizulta li *cable* tad-dawl inqala' mill-konnessjoni tieghu u kkaguna voltagg qawwi f'diversi residenzi fiz-zonna inkluza dik tal-attrici. Hija tikkontendi li din il-hsara grat bhala konsegwenza ta' xogholijiet li kien qed iwettaq il-konvenut vicin ir-residenza taghha. Da parti tieghu il-konvenut jichad kwalunkwe involvement tieghu f'dan l-incident u jikkontendi li huwa m'ghamel xejn li seta' kkawza l-hsara lamentata mill-attrici. F'dan ir-rigward giet ukoll kjamata in kawza is-socjeta` Enemalta p.l.c. li eccepiet il-preskrizzjoni abbazi tal-art. 2128 u l-art. 2153 tal-**Kodici Civili** u, ulterjorment, ukoll cahdet ukoll ir-responsabilita` taghha ghall-akkadut.

Illi fl-ewwel lok jehtieg illi t-Tribunal jiddeciedi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta` Enemalta p.l.c. F'dan ir-rigward hija citat zewg artikoli tal-**Kodici Civili** : l-art. 2128 li jirrigwardja l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni b'att gudizzjarju u l-art. 2153 li jirrigwardja azzjonijiet ghall-hsara mhux kagunat b'reat u li jipprovdi ghat-terminu preskrittiv ta' sentejn. F'dan ir-rigward jirrizulta car li l-art. 2128 tal-**Kodici Civili** ma jipprovdix ghall-preskrizzjoni imma ghall-interruzzjoni taghha. Fir-rigward tal-art. 2153 tal-**Kodici Civili** ghalkemm, kif inghad, l-attrici tilmenta minn hsara li sofriet f'ghadd ta' *appliances* taghha, tali ilment huwa naxxenti minn incident li sehh fil-hmistax (15) ta' Settembru, 2016 (ara f'dan is-sens rapporti tal-Pulizija ezebiti minn fol. 26 sa 31, xhieda ta' George Portelli moghtija fis-26 t'April, 2018 u fl-24 ta' Mejju, 2019 u Internal Memo tas-socjeta` kjamata in kawza ezebit a fol. 139 tal-process). Waqt

dawn il-proceduri irrizulta car li r-residenti taz-zona, inkluza l-attrici kienu jafu sa mill-bidu nett bl-involviment tas-socjeta` kjamata in kawza u f'dan ir-rigward hija l-istess attrici li tixhed fis-sens li : «(J)*iena kkunsidrajt illi kelli nikkuntatja lill-Enemalta.* (…) *Nghid li a bazi ta' dak li kien qed jinghad mir-residenti u tal-hsara li soffrew l-istess residenti kienet sahansitra saret domanda parlamentari mill-membru parlamentari Silvio Parnis, il-Prim Ministru kien wiegeb minnufih u kien infurmana a bazi ta' din it-twegiba li l-Enemalta ma x'taqsam xejn mal-hsarat li soffrejna ahna.* » (xhieda moghtija mill-attrici fis-27 ta' Frar, 2018). Madanakollu, skont il-provi prodotti, l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja li saret fil-konfront ta' tali socjeta`, konsistenti proprju mis-sejha f'din il-kawza, giet notifikata lilha biss fil-hdax (11) ta' Marzu, elfejn u dsatax (2019), kwindi oltre t-terminu ta' sentejn mid-data tal-incident. Ma rrizultax li gew prezentati xi atti gudizzjarji li interrompew id-dekors tat-terminu u lanqas ma rrizultaw fatturi ohrajn li setghu issospendew l-istess dekors tat-terminu preskrittiv anke ghaliex is-socjeta` kjamata in kawza sa mill-bidu nett fissret il-posizzjoni taghha fir-rigward ta' dan il-kaz permezz ta' ittra datata 2 ta' Novembru, 2016 (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minn Redent Balzan waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju, 2019).

Ghaldaqstant it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` kjamata in kawza sakemm kompatibbli mas-surreferit, jiddikjara l-azzjoni preskritta fil-konfront tal-istess socjeta` kjamata in kawza bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-art. 2153 tal-**Kodici Civili** u kwindi jehles lis-socjeta` kjamata in kawza mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta` kjamata in kawza.

Illi ghaldaqstant jifdal sabiex jigi determinat jekk jezistux l-estremi sabiex l-azzjoni odjerna tista' tirnexxi fil-konfront tal-konvenut. F'dan ir-rigward ghandu jigi nutat ukoll li huma applikabbli wkoll is-segwenti principji fir-rigward tal-provi prodotti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar senjatament :

1. Min jallega jrid jipprova jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif jgħid ċar u tond l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u kif ġie ritenut konsistentement fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. (ara f’dan is-sens **Dr. H. Lenicker vs. J. Camilleri**, Prim’Awla, 31 ta’ Mejju 1972; **Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta’ Mejju 1995 u **Anthony Azzopardi et. u Carmel sive Charles Azzopardi nomine vs. Lapsi Holdings Limited**, Prim’ Awla, 19 ta’ Jannar, 2015). F’dan ir-rigward allura jinkombi esklussivament fuq l-attrici li tipprova l-allegazzjoni taghha li l-konvenut kien responsabbli ghall-hsara minnha lamentata skont kif minnha mistqarr permezz tat-talba taghha « *minhabba fl-agir irresponsabbli* » tieghu.

2. Illi fir-rigward tal-oneru tal-prova imqieghed fuq l-attrici din ghandha tipprova l-kaz taghha almenu fuq bazi ta’ bilanc ta’ probabilita`. F’dan ir-rigward jinsab deciz li l-ghemil doluz jew kolpuz:

> *“(F)'kawza civili (...) jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu* ***serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika.***” (**Ciantar Emanuel Vs Curmi David Noe** deciza mill-Onor. Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-28 t’April, 2003 – enfazi mizjuda).

3. Illi ulterjorment l-art. 9(2)(b) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** jipprovdi espressament li t-Tribunal “*ġudikatur* (…) *għandu jitgħarraf b’kull mod li jista’ jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-*prattika *dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-*xiehda *li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista’ jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta.*” (enfazi mizjuda).

4. Illi t-Tribunal huwa marbut li jiddeciedi l-kawzi quddiemu minghajr dewmien, b'mod imparzjali u b'ekwita skont il-ligi (art. 6 tal-**Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar**).

Illi t-Tribunal fela' bir-reqqa il-provi kollha prodotti mill-partijiet rispettivi f'din il-kawza. In succint irrizulta li l-attrici sofriet hsara fl-*appliances* taghha, kif inghad, bhala konsegwenza tal-fatt li l-*cable* tan-*neutral* inqala' minn mal-konnessjoni tal-Enemalta. F'dan ir-rigward xehed Mark Said, il-*foreman* fi hdan l-Enemalta inkarigat sabiex jirrelata dwar l-istess incident, li kkonferma s-segwenti : "*Jiena accedejt fuq il-post, meta wasalt stajt ninduna li l-linja tad-dawl kienet maqtugha mill-connector. F'dik l-okkazzjoni stajt ninduna wkoll li l-kuntrattur kien qieghed hemmhekk jahdem. Jiena kellimtu u hu infurmani li kien qieghed ibiddel xi gebel li kienu hziena.* (…) *Nghid li jiena din il-persuna kellimtha peress li kienet prezenti fuq il-post.* ***Nghid li jiena ma rrizultali xejn li jista' jindika x'wassal sabiex din il-linja tad-dawl tigi maqtugha minn mal-connector*** (…) *Nghid li pero` jiena bhala hsarat ma stajtx niddetermina hlief dak li semmejt u cioe` li l-linja tad-dawl kienet inqalghet minn mal-connector relattiv.* » (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-26 t'April, 2018). Permezz tal-istess Internal Memo redatt minnu, Said jikkonferma wkoll li mill-istharrig imwettaq minnu «*a crane was parked in Triq iz-Zinja and* ***it was not in use at the time of the incident*** (…) ***I entered the private yard to check if there were any damages on the floor but everything was in order and no damages were noticed.***" (a fol. 139 tal-process).

Illi ghaldaqstant irrizulta li ftit metri 'l boghod minn fejn tabita l-attrici kienu qed isiru xogholijiet ta' riparazzjonijiet strutturali mill-konvenut fuq inkarigu tal-Awtorita` tad-Djar u in vista ta' hekk jidher li l-konvenut beda jigi inkolpat ghall-akkadut anke ghaliex kien fil-pussess ta' *crane* ghall-iskop ta' tali xogholijiet. Jidher li kemm l-Enemalta kif ukoll, bhala konsegwenza ta' dan, l-attrici stess, qed jistriehu fuq il-presunzjoni li ghax il-*cable* tad-dawl inqala' minn postu u sabiex jigri hekk, kif xehed l-Inginier George Portelli, trid tintuza forza "*qawwija*" u "*barranija*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-

26 t'April, 2018), mel' allura tabilfors li din il-forza « *qawwija* » u « *barranija* » giet ezercitata mill-konvenut waqt li kien qieghed iwettaq ix-xogholijiet tieghu.

Illi madanakollu, kif hawn fuq citat, it-Tribunal ma jistax jistrieh fuq mera presunzjonijiet sakemm dawn ma jkunux soretti minn provi precizi, serji u konkordanti li jwasslu ghall-konvinciment morali tal-gudikant. F'dan il-kaz ma gie imressaq ebda xhud okulari li ra l-incident isehh jew li stqarr li kien il-konvenut li volontarjament jew involontarjament mess u qala' l-cable minn postu b'xi mezz a disposizzjoni tieghu jew bi traskuragni jew negligenza f'xogholu. Huwa minnu li gew prezentati almenu tlett claims (Dok. GPX sa GPZ a fol. 55 sa 70 tal-process) li jaghmlu referenza ghall-istess konvenut imma ebda wiehed minn dawn il-persuni ma tela` jixhed sabiex jikkonferma li dak mistqarr minnu f'tali *claim* rah b'ghajnejh salv ghal Melanie Vella li, minkejja r-referenza maghmulha ghall-kuntrattur, tiddikjara li hi l-incident ma ratux, qed tistrieh fuq dak li qalilha zewgha li wkoll ma rax l-incident isehh imma deherlu li dan gara ghaliex waqghet gebla waqt li l-kuntrattur kien qed jahdem. Terence Ellul in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' Santa Lucija xehed, b'referenza ghax-xoghol tal-konvenut, illi: "*skont ir-residenti kien dan ix-xoghol (li) ikkawza l-qtugh fid-dawl tar-residenzi taghhom.*" (ara xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar, 2018), l-istess xehed ukoll l-Inginier Brian Micallef ("*L-istharrig li ghamilna rrizulta li dan il-kuntrattur kien laqghat il-linja taghna u l-linja kienet harget mit-tension connector. Dan irrizultalna a bazi li kienu qalulna r-residenti*" xhieda moghtija wkoll waqt is-seduta tas-27 ta' Frar, 2018). Hekk xehdet ukoll l-istess attrici li rreferiet ghal "*dak li kien qed jinghad mir-residenti*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar, 2018) u l-istess Melanie Vella li rreferiet ghall-possibilita` li waqghet xi gebla a bazi ta' dak li qalilha zewgha li, kif inghad, xorta ma rax l-incident (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018).

In linea mal-kazistika hawn fuq citata tali asserzjonijiet jammontaw fl-ahjar ipotezi ghal xnieghat li jidhru li grew malajr fit-triq fis-sens li bilfors kellu jkun il-konvenut hati tal-hsara li giet kagunata mill-*cable* li nqala' minn postu ghax kien qed iwettaq xogholijiet fiz-zona. Madanakollu tali asserzjonijiet, ukoll in linea mal-kazistika hawn fuq citata, ma

jistghux wehidhom jikkostitwixxu prova ta' htija fin-nuqqas ta' provi serji, precizi u konkordanti.

Illi mill-provi prodotti effettivament irrizulta li l-unika element li wassal sabiex il-konvenut jibda jigi meqjus mill-attrici responsabbli ghal tali akkadut kien il-fatt li huwa inserta kien qed jahdem fiz-zona u kien fil-pusses ta' *crane* (liema *crane,* kif jirrizulta mir-rapport ta' Said, lanqas ma jidher li kien qed jintuza fil-hin tal-incident). Lanqas huma konkordanti l-allegazzjonijiet maghmulha f'tali rigward tenut kont li x'waqtiet xhud bhal Melanie Vella tirreferi ghal gebla li setghet waqghet u laqtet il-*cable* filwaqt li l-attrici targumenta li l-*crane* utilizzat mill-konvenut seta' wkoll laqghat tali *cable*. Ghalkemm Vella tirreferi ghal xi hsara sofferta minn xi gara taghha fil-bitha, din il-gara tibqa' mhux identifikata u r-rapport ta' Said jindika li ma sab ebda hsara fil-bitha interna li huwa spezzjona. Mhux biss, skont ir-rapport tal-istess Said, irrizulta li l-*crane* ma jidhirx li kien qed jigi utilizzat x'hin sehh l-incident imma wkoll ma nstab l-ebda *debris* li seta' jindika li waqghet xi gebla, dana dejjem kif determinat mix-xhud Said bhala l-persuna inkarigata mis-socjeta` kjamata in kawza sabiex jinvestiga l-kaz.

Ghat-Tribunal il-presunzjonijiet gratuwiti u pjuttost generici imressqin mill-attrici m'humiex sufficjenti sabiex jaghtu lill-gudikant dak is-serhan tal-mohh mehtieg ghall-gudizzju finali li jsib li l-konvenut laqghat il-*cable* u qacctu minn postu. F'dan ir-rigward l-attrici stess ma ressqet ebda prova dwar kif jew b'liema mezzi l-konvenut ezercita l-forza mehtiega sabiex jaqla' l-*cable* minn postu. L-asserzjoni ta' Portelli li kien il-kuntrattur li ezercita forza barranija tinsab kontraddetta mill-istess Mark Said. Hekk ukoll tinsab kontradetta l-asserzjoni tieghu li huwa kien qed jistrieh fuq dak li qalu b'mod individwali r-residenti tat-triq ghaliex, kif inghad, Melanie Vella sqarret f'dawn il-proceduri li hi l-incident ma ratux filwaqt li residenti ohrajn ma tressqux sabiex jikkonfermaw dak minnhom mistqarr fit-talba taghhom ghall-kumpens. Aktar minn hekk, mir-rapporti tal-Pulizija jirrizulta li persuni bhal Saviour Bonnici kienu qeghdin iwahhlu fil-kuntrattur proprju ghaliex din l-allegazzjoni kienet qed issir mill-istess socjeta`

kjamata in kawza u mhux ghaliex huwa ra l-incident isehh jew sar jaf minn persuna partikulari li rat l-incident isehh li kien proprju l-kuntrattur konvenut li kkaguna il-hsara.

B'zieda mal-fatt li l-attrici stess u x-xhieda imressqin minnha joffru biss opinjonijiet dwar x'setgha ikkawza l-incident bazati fuq xnighat generici tar-residenti, id-dubbju dwar kif sehh l-incident ikompli jissahhah meta wiehed jikkunsidra wkoll ix-xhieda ta' iben il-konvenut. Dan jispjega kif, avut rigward ghad-disposizzjoni tat-triq, huwa impossibbli li tali *cable* jintlaqat  u dana ghaliex l-angolatura tal-jib kellha tkun tali li twassal l-ghodda sal-ghola saqaf u mhux sal-livell tal-*cable*. F'dan ir-rigward Steve Abela xehed permezz tal-affidavit tieghu li: "*kif jitla` l-gib qatt ma seta' jolqot il-*wires *tad-dawl kif qed isostnu tal-Enemalta. Dan ghaliex li kif gia ghidt il-*wires *kienu ghaddejjin xi zewg piedi u nofs biss barra mil-faccata tal-bini. Ukoll il-*wires *kienu ghaddejjin f'gholi ta' zewg sulari mit-triq waqt li l-binja kienet fuq erba' sulari. Ghalhekk l-angolatura ta' kif jitla' l-gib fuq il-bejt taghmilha impossibbli li l-*wires *jintlaqtu minhabba t-tul tieghu. Dan ghaliex ukoll li mill-gib tal-*crane *meta jkun kollu miftuh ghal eqreb wire ikun hemm distanza ta' xi hames metri*" Effettivament, oltre l-iskizz pjuttost approssimattiv redatt minn iben l-istess konvenut, ir-ritratti prodotti lkoll jindikaw li, kif xehed iben il-konvenut, jezistu btiehi tar-residenti (citati wkoll minn Said fir-rapport tieghu) b'tali mod li l-*crane* ma setax ikun posizzjonat ezatt taht il-*wires* imma kellu tabilfors ikun posizzjonat iktar 'il barra b'tali mod li bil-jib angolata ghal fuq il-bjut huwa ma setax ragjonevolent jolqot il-*wires*. Dan kollu jinghad b'zieda ma' dak determinat minn Said li l-*crane* tal-konvenut "*was not in use at the time of the incident*". Hekk ukoll xehed Mark Bonavia in rapprezentanza tal-Awtorita` tad-Djar li gustament ukoll eskluda li waqghu oggetti minn fuq billi qal: "*jiena ma stajtx insib l-ebda debris f'dawn il-btiehi jew evidenza ohra li juri li kien hemm xi haga li waqghet jew li setghet gibdet lil dan il-cable minn gol-clip tieghu.* (…) *Jiena nikkontendi li peress li dan il-cable huwa wiehed tal-azzar kieku effettivament inqala' mill-kuntrattur taghna kien ikun hemm problemi aktar serji proprju minhabba l-fatt li dan il-cable huwa wiehed tal-azzar mikxuf u ghaddej l-elettriku minn go fih.*"

Konsegwentement, ghat-Tribunal, l-allegazzjonijiet u s-supposizzjonijiet maghmulha mill-attrici u mill-Inginier Portelli ma jistghux jammontaw, in linea mal-kazistika hawn fuq citata, ghal dawk il-provi jew indizi **cari, precizi u konkordanti** li jistghu iwasslu ghall-konvinciment morali tal-gudikant li kien il-konvenut li qala' l-*cable* minn postu. Ghandu jigi nutat li huwa ferm difficli li, bi traskuragni, il-konvenut jolqot il-*cable* b'tali forza li twassal biex dan jinqala' minn postu imma fl-istess hin ma jigi riskontrat l-ebda *debris* fuq il-post u lanqas ebda hsara fuq il-jib jew fuq il-*crane* tal-konvenut jew imqar fuq il-hitan tal-bini li jistghu jikkonfermaw xi allegazzjoni jew ohra minn dawk avvanzati mill-attrici. It-Tribunal isibha ferm difficli jifhem kif tigi imwettqa hsara bhal dik riskontrata mill-attrici u li affetwat ukoll diversi residenzi allegatament minn kuntrattur li qieghed iwettaq xoghol fit-triq u fid-dawl tax-xemx b'*crane* jew materjal ta' kostruzzjoni li allegatament laqghat tali *cable* u hadd ma jara xejn minn dak li jkun sehh ghalkemm jidher li minnufih wara l-incident hargu diversi persuni fit-triq. Almenu daqstant irrizulta mill-provi prodotti f'din il-kawza.

Finalment jinghad ukoll li huwa minnu wkoll li, ghalkemm il-konvenut u ibnu permezz tal-affidavits taghhom, jistqarru li huma kienu juzaw il-*crane* kull filghodu, meta xehdu in kontro-ezami pruvaw jaghtu l-impressjoni li dakinhar tal-incident huma ma kenux uzaw il-*crane.* Madanakollu anke jekk wiehed jikkunsidra li huma effettivament utilizzaw il-*crane* kif kienu jaghmlu regolarment kuljum u kif huma stess stqarru permezz tal-affidavit taghhom, xorta wahda din il-prova m'hijiex wehidha sufficjenti sabiex – tenut kont ta' dak kollu surreferit - tipprova li kien proprju l-uzu ta' tali *crane* li kkawza l-hsara jew li b'xi mod, almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-konvenut jahti ghall-akkadut.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' limitatament l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza Enemalta p.l.c. billi jiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta fil-konfront taghha abbazi tal-art. 2153 tal-**Kodici Civili** u jichadha ghall-bqija, konsegwentement jillibera lill-istess socjeta` kjamata in kawza mill-osservanza tal-gudizzju u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-

eccezzjonijiet sollevati mill-istess kjamata in kawza, jilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u konsegwentement jichad it-talba attrici bl-ispejjez tal-kawza jigu sofferti interament mill-istess attrici.

**Av. Dr. Philip M. Magri**